MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 320/2005

**Maltacom p.l.c. (C-22334)**
**vs**
**Christian Mifsud (ID 447675M)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Jannar, 2005, fejn intalab il-hlas ta' erba' mija u disgha u tletin lira Maltija u zewg centezmi (Lm439.02), ammont dovut lis-socjeta` attrici in konnessjoni mas-servizz telefoniku li jgib in-numru 21345420, (CN247626 AC10092141), liema servizz gie nstallat fil-fond The Lodge, Victoria Gardens, Garra Street, Ta' L-Ibragg, skond diversi kontijiet mibghuta lilu, prospett anness mal-avviz markat Dok.A, Dok B u kuntratt relattiv markat Dok.C.**

**Illi l-konvenut giet interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas ida baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.**
**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali.**

**Ra r-risposta pprezentata fis-16 ta' Mejju, 2005, fejn intqal illi l-ammont pretiz mis-socjeta` attrici mhux dovut stante l-preskrizzjoni ghab-bazi ta' l-artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili (kap 16) tal-Ligijiet ta' Malta ;**
**Salv eccezzjonijiet ulterjuri kemm il-darba jkun il-kaz ;**
**Bl-ispejjez kontra s-socjeta attrici ;**

**Ra n-nota tas-socjeta attrici pprezentata fit-30 ta' Gunju, 2005 li bija giet esebita ittra ufficjali datata 21 ta' Ottubru, 2003.**

**Ikkunsidra :**
**1. Dan il-kaz jirrigwarda hlas ghal ammont dovut in konessjoni ma linja telefonika. Il-konvenut ecepixxa l-preskrizzjoni a tenur tal-Art 2156 (f) tal-Kodici Civili u cioe' illi l-azzjoni giet preskritta bid-dekors ta' hames snin.**
**2. Mid-dokument A prezentat mis-socjeta` attrici jirrizulta illi s-servizz telefoniku jirrigwarda l-perjodu 1998 sal-31 ta' Mejju, 2000. L-Avizz odjern gie pprezentat fis-27 ta' Jannar, 2005.**
**3. L-ammont principali jirrigwarda somma dovuta fi 1998. Ghalkemm giet pprezentata ittra ufficjali fil-21 ta' Ottubru, 2003, ma jirrizultax illi din giet notifikat regolarment in kwantu ghalkemm saret l-affissjoni ma saritx il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u f'Gazzetta Lokali, ghalhekk ma hemmx dubju illi dak l-ammont huwa preskritt.**
**4. Dwar il-bilanc rimanenti ta' erbgha u erbghin lira maltija u erbghin centezmi (Lm44.40c) ma ingiebet ebda prova biex tikkonferma li dan kien jew ghadu dovut, u fic-cirkostanzi t-Tribunal ma jistax iqies illi t-talba giet ppruvata.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi qed jiddikjara l-azzjoni preskritta a tenur tal-Art 2156 (f) tal-Kap 16, dwar l-ammont indikat fl-account relattiv fis-somma**

**ta' tlett mija u erbgha u disghin lira maltija u tnejn u sittin centezmu (Lm394.62) qed jichad it-talba attrici fuq ir-rimanenti ammont peress illi dan ma jirrizultax pruvat.**

**L-ispejjez ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati mis-socjeta attrici.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------